**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**

*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Id-disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 01/2025

**Laqgħa Numru 01** 19 ta' Jannar, 2026

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, Tnejn, 19 ta' Jannar 2026 fl- 4:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Marco Agius | - | Sindku |
| Noyah Spiteri Hammett | - | Viċi Sindku |
| Martin Vella | - | Kunsillier |
| Rita Gatt | - | Kunsilliera |
| Glauber Spiteri | - | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Crystal Degabriele –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Marco Agius ippresjeda din is-seduta Nru 01 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **01.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| **01.01.01** | Il-Kunsilliera Rita Gatt infurmat li se tkun qed tasal tard għal din is-seduta. |
| **01.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 01.02.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet il-minuti tas-seduta numru 25/2025 tad-disa' leġislatura permezz ta' email lis-Sindku, lill-Viċi Sindku u lill-Kunsilliera kollha.<br><br>1. Approvazzjoni tal-Minuti<br><br>Il-Kunsillier Martin Vella approva l-minuti tas-seduta numru 25/2025, filwaqt li l-Kunsillier Glauber Spiteri issekonda. |
| **01.03** | **Kommunikazzjoni mis-sindku** |
| 01.03.01 | Is-Sindku fetaħ is-seduta billi informa lill-kunsilliera li se nirċievi fondi ta' €32,000 mingħand ir-Reġjun Port taħt skema ta' latrini awtomatiċi. Għaldaqstant, se nkunu qed nirranġaw il-latrina li tinsab ħdejn il-bandli quddiem il-Kunsill. Il-kunsilliera qablu. |
| 01.03.02 | Is-Sindku informa lill-kunsilliera li l-awditjar tal-Kunsill se jibda nhar it-Tnejn, 20 ta' April. |
| 01.03.03 | Is-Sindku kompla billi informa lill-kunsilliera li saret laqgħa ma' CEO ta' Transport Malta rigward il-parkeġġ ta' quddiem l-iskola. Il-laqgħa ntemmet bi ftehim li se ssir laqgħa oħra mal-Ministru Chris Bonnett, flimkien ma' Transport Malta u Infrastructue Malta. |

| | |
|---|---|
| 01.03.04 | Is-Sindku qal ukoll li rċivejna kwotazzjonijiet għat-tarġa għal vann ta' 9 seater u li qed nistennew risposta dwar fondi mingħand l-AAC. Din l-istess għajnuna tista' tapplika wkoll għal vann ta' 4 seater. |
| 01.03.05 | Is-Sindku informa li hu, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kienu mistiedna għal laqgħa li saret fil-Kunsill Lokali tal-Birgu. Huwa qal li ġew infurmati dwar il-possibbiltà li jsir ġemellaġġ bejn Bormla, il-Birgu, l-Isla u l-Kalkara flimkien ma' Miami-Dade County, peress li dawn il-lokalitajiet huma fortifikati jew għandhom fihom fortifikazzjonijiet.<br><br>Apparti minn hekk, ġie nnutat li l-industrija tal-films li tinsab fil-Kalkara hija ta' interess u attrazzjoni li tista' tingħaqad mal-istorja rikka li diġà għandhom dawn il-lokalitajiet.<br><br>Il-kunsilliera qablu ma' din il-proposta. |
| 01.03.06 | Is-Sindku qal li rċivejna email sabiex insemmu erba' toroq ġewwa Bormla li bħalissa jinsabu bla isem. Għaldaqstant, huwa informa lill-kunsilliera bit-toroq proposti biex jingħataw isimhom kif ġej:<br><br>Triq il-Bormliżi ta' Kulħadd<br><br>Triq il-Professur Giuseppe De Marco<br><br>Triq is-Surmast Carmelo Ciantar<br><br>Triq l-eks Prim Imħallef Ġużeppi Mifsud Bonnici<br><br>Il-kunsilliera qablu ma' dawn il-proposti. |
| 01.03.07 | Is-Sindku semma wkoll li, permezz ta' email, irċevejna talba relatata ma' għeluq ta' triq sabiex jitellgħu blokok tal-konkos fuq il-bejt mill-każin tal-banda, kif ukoll mistoqsija dwar jekk hemmx bżonn ta' warden jew le. |

| | |
|---|---|
| | Il-kunsilliera qablu li jingħata l-permess mitlub u qablu ukoll li ma hemmx bżonn ta' warden.<br><br>Il-kunsilliera ġibdu l-attenzjoni li rċivew żewġ emails differenti li jirreferu għal toroq differenti u b'dati li ma kinux korretti. Għaldaqstant, ġiet enfasizzata l-importanza li, meta l-informazzjoni ma tkunx korretta, din terġa' tintbagħat b'dettalji aġġornati u preċiżi.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota ta' dan sabiex tinforma lill-amministrazzjoni. |
| 01.03.08 | Waslet email mingħand is-Sur Bonnici fejn informa lill-Kunsill li se jkun qed jiftaħ locker room ġewwa Bormla, sabiex it-turisti jkunu jistgħu jħallu l-bagalji tagħhom meta jkollhom check-out kmieni. Għaldaqstant, huwa qed jitlob il-permess tal-Kunsill sabiex juża street furniture għall-promozzjoni ta' dan is-servizz. Huwa informa wkoll li se jkun qed jieħu ħsieb il-manutenzjoni kif ukoll l-indafa tagħhom.<br><br>Il-kunsilliera qablu li jingħata l-permess mitlub, iżda wieħed mill- u channels mitluba kien diġà mitlub qabel minn persuna oħra. Għaldaqstant, dan se jinżamm on hold sakemm tiġi kkonfermata jekk hux se jkun qed jintuża jew le. |
| 01.03.09 | Hekk kif f'seduti oħra kien hemm qbil dwar il-Coffee Morning, is-sindku propona xi data biex issir Coffee Morning.<br><br>Il-kunsilliera qablu fuq id-data 20 ta' Frar. |
| 01.03.10 | Is-sindku ġie infurmat ukoll li saret laqgħa online ma' Lauro Caljendo, fejn il-mara staqsiet jekk kienx possibbli li tagħmel esibizzjoni ta' oġġetti artiġġjanali sagri ġewwa parroċċa Bormla.<br><br>Il-kumpanija li tagħmel dawn l-oġġetti, deheb u fidda, talbet li l-esibizzjoni ssir fl-oratorju. |

| | |
|---|---|
| | Is-sagristan informa lis-sindku li qed isir xi xogħol fl-oratorju, imma se jikkonferma għax hu membru tal-knisja u jixtiequ li l-esibizzjoni ssir forsi ġewwa l-parroċċa minflok.<br><br>Is-sindku se jkun qiegħed jitkellem mal-arċipriet biex jiddiskuti l-proposta. |
| 01.03.11 | Is-Sindku informa lill-kunsilliera li rċevejna email mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar korsijiet ta' *Lifelong Learning*. Il-kunsilliera qablu li jiġu organizzati l-korsijiet li ġejjin:<br>• Malti bħala Lingwa Barranija<br>• Ingliż bħala Lingwa Barranija<br>• Crochet<br>• Ħjata |
| 01.03.12 | Waslitilna email mingħand it-Team ta' Empixa fejn infurmawna li qed jaraw diversi posts fuq Facebook tal-kunsill u offrew pakkett ta' disinn biex ikun hemm aktar konsistenza fid-design u livell aktar professjonali, konformi ma' dak tal-Gvern.<br><br>Huma indikaw li għandhom pakkett ta' €35 għal kull disinn jekk ikun hemm aktar minn 10 disinji fix-xahar, kif ukoll offrew servizzi ta' Marketing u Social Media Management professjonali. Ġiet ipprovduta wkoll il-link tal-website tagħhom għal aktar informazzjoni: www.empixa.com.<br><br>Il-kunsilliera ddiskutew l-offerta u qablu li, kif qegħdin ninqdew bħalissa, m'hemmx bżonn ta' dawn is-servizzi għalissa. |
| 01.03.13 | Waslet email mingħand is-Sur Portelli mill-għaqda volontarja XirCammini, li tiffoka fuq mixjiet b'laqta ta' wirt kulturali u reliġjuż. L- |

| | |
|---|---|
| | għaqda hija msieħba ma' diversi organizzazzjonijiet simili fl-Ewropa, fosthom Camino Europa Compostela.<br><br>Huwa informa lill-Kunsill li jixtiequ jestendu l-Mixja ta' San Pawl minn Malta sa Ruma. Il-proposta hija li l-mixja tibda minn Ostia Antica, fejn skont it-tradizzjoni żbarka San Pawl, tkompli tul ix-xmara Tevere sa Tre Fontane u tintemm fil-Bażilika Pontifiċja ta' San Paolo Fuori le Mura. Ladarba jitlesta dan il-proġett, l-intenzjoni hija li jiġi applikat f'isem Malta biex dan jiġi rreġistrat bħala itinerarju kulturali Ewropew.<br><br>Skont it-tradizzjoni, San Pawl salpa minn Bormla lejn Ruma. Għalhekk, qed tiġi proposta partnership agreement bejn Bormla u Ostia Antica, il-port prinċipali ta' Ruma, sabiex jiġu esplorati u msaħħa r-rabtiet storiċi u kulturali marbuta mal-vjaġġ aħħari ta' San Pawl qabel il-martirju tiegħu.<br><br>Is-Sur Portelli informa wkoll li għandhom l-appoġġ sħiħ tal-Ambaxxatur Malti għall-Italja, L-Eċċellenza Tiegħu s-Sur Daniel Azzopardi, li huwa lest jintroduċi l-proġett u l-proposta ta' ftehim lis-Sindku ta' Ruma, is-Sur Roberto Gualtieri, li taħtu taqa' Ostia Antica. Madankollu, sabiex dan iseħħ, hemm bżonn ittra mingħand is-Sindku ta' Bormla li titlob formalment l-għajnuna tal-Ambaxxatur biex isir dan il-kuntatt u biex jiġi ffaċilitat il-proċess lejn Memorandum of Understanding (MOU) bejn Bormla u Ostia Antica.<br><br>Il-kunsilliera ddiskutew il-proposta u esprimew l-interess tagħhom li jsir dan il-partnership.<br><br>Il-Kunsilliera Rita Gatt daħlet għas-seduta. |
| 01.03.14 | Is-Sindku għadda komunikazzjoni mingħand is-Sur Degiovanni, fejn qed jitlob l-permess tal-Kunsill sabiex jorganizza wirja "life-size" tal-Ġimgħa l-Kbira fil-binja tal-Kunsill Lokali. Din tkun ir-raba' sena konsekuttiva li qed jiġi ppreżentat il-proġett PANEM COELESTEM. |

| | |
|---|---|
| | Il-wirja hija ppjanata li tiftaħ f'Jum id-Duluri u tibqa' miftuħa sal-Ġimgħa l-Kbira (il-ħinijiet eżatti għad iridu jiġu kkonfermati). Huwa assigura li l-esebiti kollha u kull struttura se jitneħħew kompletament fi żmien ġimgħa wara l-Għid, u li l-post jitħalla fl-istess kundizzjoni li nstab fih. Talab ukoll laqgħa mal-Kunsill sabiex jiġi diskuss il-proġett fid-dettall u jiġi identifikat l-ispazju addattat għall-esebizzjoni.<br><br>Il-kunsilliera ddiskutew it-talba u qajmu t-tħassib dwar l-ispazju limitat fil-binja tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier Martin Vella ssuġġerixxa li ssir laqgħa mas-Sur Degiovanni u jintwera l-ispazju disponibbli sabiex ikun jista' jikkonferma jekk huwiex adegwat għall-wirja jew le. Il-Kunsillier Glauber Spiteri ssuġġerixxa li, jekk ma jkunx possibbli li tintuża l-binja tal-Kunsill, jiġu kkuntattjati l-għaqdiet lokali sabiex jiġi esplorat spazju alternattiv.<br><br>Għaldaqstant, ġie deċiż li jsir meeting sabiex tiġi diskussa l-kwistjoni aktar fid-dettall. |
| 01.03.15 | Waslet email mingħand il-Perit Zahra fejn infurmana li nkisbu l-approvazzjonijiet meħtieġa mill-BCA u mill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jibdew ix-xogħlijiet ta' restawr/riabilitazzjoni fil-proprjetà 74–75, Triq Abram Gatt, Bormla.<br><br>Minħabba li l-aċċess għas-sit huwa limitat peress li t-triq hija mqalleb u bi skaluni, qed jintalab permess temporanju mill-Kunsill sabiex jitneħħa r-railing bejn il-passi, jinżamm f'post sigur u jerġa' jiġi installat meta x-xogħlijiet jitlestew. Dan sabiex il-kuntrattur ikun jista' jinstalla rampa temporanja (massimu ta' 1.5m wiesgħa) fuq l-iskaluni mingħajr ma jiġi ostakolat il-passaġġ tal-pedoni.<br><br>Il-kunsilliera ddiskutew it-talba u qablu li għandu jkun hemm proċedura standard għal każijiet simili sabiex dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati b'mod organizzat u mingħajr diffikultajiet. Ġie ssuġġerit li: |

| | |
|---|---|
| | • Il-Perit tal-Kunsill jagħmel assessment dettaljat tat-triq u tal-inħawi qabel ma jingħata kwalunkwe permess;<br>• Issir evalwazzjoni teknika tal-intervent propost;<br>• Tħejja formola uffiċjali bit-terms and conditions, imfassla mill-avukat tal-Kunsill;<br>• Il-kuntrattur jinżamm responsabbli għal kwalunkwe ħsara li tista' sseħħ waqt ix-xogħlijiet u jiffirma dawn it-terms and conditions qabel jibda x-xogħol.<br><br>Dan sabiex jiġi mħares l-interess tal-Kunsill u tal-pubbliku. |
| 01.03.16 | Waslet email mingħand Assoċazzjoni kunsill lokali dwar inizjattiva tal-Lions Club Sliema (VO 0146), NGO lokali li tifforma parti minn network internazzjonali ta' Lions Clubs.<br><br>Din l-organizzazzjoni hija ddedikata lis-servizz tal-komunità permezz ta' proġetti umanitarji varji, b'enfasi speċjali fuq kawżi relatati mal-vista. Bħala parti minn din il-missjoni, qed jiġbru nuċċalijiet użati, frames u lentijiet li jiġu rrinovati u mbagħad mibgħuta lil komunitajiet fil-bżonn f'pajjiżi li qed jiżviluppaw.<br><br>Il-kunsill qed jinkoraġġixxi lill-Kunsilli Lokali u Reġjonali kollha li huma interessati biex jieħdu sehem f'din l-inizjattiva.<br><br>Il-kunsilliera esprimew interess biex il-Kunsill jieħu sehem f'din l-inizjattiva umanitarja. |
| 01.03.17 | Is-Sindku Marco Agius stieden lil Kunsillier Glauber Spiteri għal diskussjoni dwar il-Cospicua Short Play Festival. Huwa beda billi staqsa jekk għandniex nkomplu mal-istess Direttur Artistiku, jiġifieri Joseph Galea, Pierre Bugeja u Audrey Rose Mizzi, għal edizzjoni ta' Cospicua Short Play Festival 2026.<br><br>Il-kunsilliera qablu li għandna nerġgħu nqabdu lilhom minħabba l-ħidma kontinwa u l-kontribut kostanti li taw matul is-snin. Il-Viċi Sindku |

| | |
|---|---|
| | Noyah Spiteri Hammett semmiet li jkun tajjeb li nibgħatu ittra ta' ringrazzjament lill-ex Direttur bħala apprezzament għall-kontribut tagħhom.<br><br>l-kunsillier kompla billi ta aġġornament rigward l-attivita tal-Karnival, fejn qal li qiegħed f'komunikazzjoni mal-ħaddiema tal-Kunsill biex tiġi miġbura l-lista tal-kwotazzjonijiet neċessarji. Huwa spjega li l-attivitajiet ser jibdew min pjazza nattivita u jkomplu mat-triq pellegrinagg, jispiccaw fil-pjazza. Qal ukoll li ser ikun hemm stalls u li xi żeffiena diġà ġew ikkonfermati għall-avveniment. |
| 01.03.18 | Is-Sindku stieden lil Kunsillier Martin Vella biex jispjega s-sitwazzjoni rigward Triq Hanover.<br><br>Il-Kunsillier Martin Vella qal li wara li ntbagħtet l-ittra, irċevejna diversi ilmenti u li jkun xieraq li jsir revizzjoni tat-triq. Huwa proposta li Triq Hanover tkun bid-direzzjoni doppja (2-way), filwaqt li Triq Ricardu Taylor tkun għal direzzjoni waħda 'l fuq'.<br><br>Dan ukoll hu meħtieġ minħabba li l-vanijiet tal-iskola għandhom iwaqqfu t-tfal mal-bankina tal-iskola, u għalhekk trid tkun sigurtà u flessibilità fit-traffiku. Qal ukoll li jekk Triq il-Pellegrinagg tkun magħluqa, kif kien qablu qabel, m'għandhomx ikollhom min jgħaddi.<br><br>Il-kunsilliera qablu li nipproċedu bil-proposta. |
| 01.03.19 | Is-Sindku xtaq jiringrazzja lil Joseph Galea u Pierre Bugeja, kif ukoll lil ex-Sindku ta' Bormla, Hon. Alison Zerafa Civelli, li bis-saħħa tagħhom bdiet il-Cospicua Short Play Festival. Huwa enfasizza li billi komplejna naħdmu flimkien, irnexxielna nirbħu l-unur ta' "Aqwa Proġett fil-Komunità. |
| 01.03.20 | Is-sindku informa rigward "Hudson Race Series – Three Cities Race" jibda mill-Fort St. Angelo Parking sa Senglea Point. |

| | |
|---|---|
| | Data: Il-Ħadd, 1 ta' Frar<br><br>Bidu: 07:00am<br><br>Ħin tat-tmiem (approssimattiv): 08:30am<br><br>Dettalji addizzjonali:<br><br>Ma jkun hemm l-ebda għeluq tat-triq, għalhekk it-trasport pubbliku ma jkunx affettwat.<br><br>Ser jiġu mitluba żewġ uffiċjali ta' Transport Malta (bil-mutur).<br><br>Ambulanza mat-triq.<br><br>Marshall mat-triq kollha.<br><br>Il-kunsilliera ma sabu l-ebda oġġezzjoni. |
| 01.03.21 | Is-Sindku saqsa wkoll rigward il-kuntratt man-Notebook Centre u jekk hux meħtieġ li jiġi mġedded sabiex ir-residenti jkollhom servizz biex jsewwu l-laptop tagħhom b'xejn.<br><br>Il-kunsilliera qablu li l-kuntratt għandu jiġi mġedded wara li tiġi ikkonfermata l-użu tas-servizz mill-pubbliku. |
| **01.04** | **Twegibiet ghall-mistoqsiiet mil- kunsilliera** |
| 01.04.01 | Il-Kunsillier Martin Vella saqsa għal update dwar diversi mozzjonijiet li kienu għaddew:<br><br>Rigward il-parking ħdejn il-Kunsill, fejn kien propona li jsiru tnejn minflok wieħed, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din se tiġi organizzata mill-ħaddiema tal-Kunsill u se jiġu ppjanati skont il-kundizzjonijiet tat-temp. |

| | |
|---|---|
| | Rigward il-parking quddiem il-knisja, is-Segretarju Eżekuttiv qal li qed jingħabru l-kwotazzjonijiet u meta jirċievu tliet kwotazzjonijiet nistgħu nimxu 'l quddiem bl-irħas.<br><br>Rigward iz-zebra cross quddiem il-każin tal-banda, is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienet diġà diskussa mal-Perit tal-Kunsill u għandu jagħmel rapport. Qal li ma jaqbilx li ma ssirx, peress li f'pedestrian zones oħra ġew installati. Il-każ ser jerġa' jiġi diskuss mal-Perit.<br><br>Saqsa jekk possibbli li jsir dog bin ħdejn San Ġwann Tgħuxa. Is-Sindku wieġeb li ma jsibx oġġezzjoni.<br><br>Rigward it-tabelli tal-ħamiem, is-Segretarju Eżekuttiv ser tagħmel tfakkira.<br><br>Rigward il-traffic management ta' Triq San Pawl, is-Segretarju Eżekuttiv ser jibgħat reminder lil Transport Malta.<br><br>Rigward il-Cottonera Sports Complex, Bormla, il-Kunsillier qal li Bormla ma tkunx imsemmija kif suppost fil-media. Is-Sindku qal li jaqbel u li għandu jintbagħat kuntatt mal-kmamar tal-aħbarijiet biex meta jissemmew l-avvenimenti sportivi, Bormla tiġi inkluża. |
| 01.04.02 | Il-Viċi Sindku Noyah Spiteri Hammett staqsiet jekk hux possibbli li jsir meeting ma' Cottonera Sports Complex sabiex jiġu diskussi possibbiltajiet ta' kollaborazzjoni.<br><br>Is-Sindku qabbel din il-proposta u qal li se jkun qiegħed jagħmel komunikazzjoni ma' Cottonera Sports Complex biex tiġi organizzata l-laqgħa. |
| **01.05** | **Approvazzjoni ta'skedi ta' hlasijiet** |
| 01.05.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet email bl-iskeda numru 01 għad-9 leġislatura kif ukoll il-petty cash ta' Diċembru 2025. |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsillier Martin Vella approva l-iskeda numru 01 għad-9 leġislatura, waqt li l-Kunsillier Glauber Spiteri issekonda. Dan sar wara li l-kunsilliera qablu li l-pagament tal-Contract Manager, Nexos u Soft Area għandu jkun mwaqqaf minn din l-iskeda sabiex isir rendikont xieraq rigard ix-xogħolijiet li saru.<br><br>Il-Kunsillier Glauber Spiteri approva wkoll il-petty cash ta' Diċembru, waqt li l-Kunsilliera Rita Gatt issekondat. |
| **01.06** | **Mozzjonijiet / Rakommandazzjonijiet** |
| 01.06.01 | Mozzjoni Numru 01 :<br><br>Suġġett: **Skema - SPI/SCI/7/2025 – Komunitajiet Aktar B'saħħithom**<br><br>Qed inressaq din il-mozzjoni sabiex, għall-iskema Bormla – SPI/SCI/7/2025 – Komunitajiet Aktar B'saħħithom, minflok isir il-pavimentar ta' quddiem il-knisja, issir bankina fit-Triq 8 ta' Diċembru.<br><br>Din il-proposta qed issir minħabba li l-bankina eżistenti tinsab fi stat perikoluż u l-intervent huwa aktar urġenti u meħtieġ għall-lokalità tagħna, kemm għas-sigurtà tar-residenti kif ukoll għall-pubbliku inġenerali.<br><br>Proponent: Marco Agius<br><br>Sekondant: Martin Vella<br><br>Il-kunsilliera qablu ma din il-mozzjoni. |
| 01.06.02 | Mozzjoni Numru 02:<br><br>Suggett : Valentine's Day |

| | |
|---|---|
| | Nixtieq intella attivita Pasta jew Pizza Night għal Valentine għal anzjani.<br><br>Post fil-viċin. Jekk nistgħu ticket ikun 10e. Nagħtu fjura ħamra u blue.<br><br>Proponent : Rita Gatt<br><br>Sekondant: Glauber Spiteri<br><br>Il-kunsilliera qablu li għandna nikkuntattjaw l-għaqdiet biex naraw jekk ikunux interessati li jipparteċipaw, bħal kazin tal-banda jew regatta. L-attività ser issir nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Frar. |
| 01.06.03 | Mozzjoni numru 03:<br><br>Suġġett: Zebra Crossing hdejn peppi delceppo<br><br>Nixtieq li hdejn peppi delceppo ssir zebra crossisng location anessa.<br><br>Proponent: Martin Vella<br><br>Sekondant: Glauber Spiteri |
| 01.06.04 | Mozzjoni numru 04:<br><br>Suġġett: Zebra Crossing<br><br>Wara diversi ilmenti mgħand ir-residenti huwa tajjeb li ssir zebra crossing hekk kif toħrog mil-mina ta' santa liena.<br><br>Proponent: Glauber Spiteri<br><br>Sekondant: Martin Vella |

| | |
|---|---|
| 01.06.05 | Rakommandazzjoni :<br><br>Il-kunsillier Martin Vella qajjem il-punt li diversi bozzoz ġewwa bormla huma maqtugħin u ilhom ħafna maqtugħin u li ma nistgħux nibqgħu sejrin hekk. Għalhekk qed nitlob il kunsill sabiex bis-serjetà nieħdu l-passi kollha neċessarji fejn jirrigwardjaw l-obbligi tal-kuntrattur kif ukoll insibu rimedju sabiex din is-sitwazzjoni tiġi riżolta malgħajr kemm jista' jkun.<br>Grazzi hafna<br>Martin Vella<br><br>Il-kunsilliera qablu ma' dan. Is-Segretarju Eżekuttiv se tkun qiegħed jibgħat it-talba lid-Direttur Ġenerali għal permess ta' "direct order" sabiex ikunu jistgħu jikkuntattjaw xi ħadd ieħor biex jindirizza s-sitwazzjoni. |
| **01.07** | **Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 01.07.01 | Is-Seduta ġiet mtemmija fil-19:00 u ġiet miġġedda għal nhar it-Tlieta 24 ta' Frar fl-16:30. |

Konfermati, illum ________________

______________ ____________________

**Marco Agius** **Crystal Degabriele**

Sindku Segretarju Eżekuttiv